# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 93/2021: **PRINCESS HOLDINGS LIMITED (C72528) V. MIHAJLO JEROTIJEVIC (KI. 121163A)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Marzu 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Mihajlo Jerotijevic ("ir-rikorrent") ippreżentat fil-15 ta' April 2021 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti "*jogħġobha prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni salv id-drittijiet tal-partijiet skond il-liġi*",

wara li rat ir-risposta ta' Princess Holdings Limited ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2021[1] li permezz tagħha *inter alia* rrispondiet illi: "*it-talba rikorrenti hija infondata fi l-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda",*

wara li rat ir-rikors tar-rikorrent ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2021[2] li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża b'mod finali kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur Nru 341/2021) fl-ismijiet "Mihajlo Jerotijevic v. No Deposit Cars Malta Limited et.",

wara li rat ir-risposta tal-inimata ppreżentata fit-23 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha *inter alia* rrispondiet illi "*t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha",*

---

[1] Fol 53
[2] Fol 61

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew ippreżentati sa' issa f'din il-proċedura,

qed tagħti dan id-

## Digriet

### Retroxena

1. Mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur jirriżulta illi fil-21 ta' Ottubru 2019 r-rikorrent u kumpanija bl-isem ta' No Deposit Cars Malta Ltd kienu ffirmaw ftehim[3] li permezz tiegħu r-rikorrent akkwista mingħand dik il-kumpanija taħt titolu ta' *hire-purchase* l-vettura GLE Estate Black versu l-prezz ta' €36,800 liema prezz kellu jitħallas f'pagamenti ugwali mensili ta' €613 il-wieħed. Fuq il-ftehim ir-rikorrent iffirma u kkonsenja sittin kambjali lill-kumpanija msemmija li jkopru l-pagamenti mensili msemmija.

2. Fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrent jisħaq *inter alia* illi:

   - r-rikorrenti ħa l-vettura u ħallas deposit inizjali ta' € 10,000
   - riċentement ir-rikorrent ħa l-vettura fil-faċilitajiet tal-kumpanija venditriċi sabiex isirulha xi tibdiliet Ii dwarhom il-partijiet kienu qablu
   - it-tibdiliet ma' sarux u inoltre ġew ikkawżati danni lill-vettura filwaqt li din kienet fil-pussess tal-kumpanija venditriċi
   - il-kumpanija venditriċi rrifjutat li tirrilaxxa l-vettura sabiex din tittieħed għand l-aġenti tal-Mercedes f'Malta sabiex isiru fuqha l-aċċertamenti tekniċi neċessarji u kkonsentiet biss ir-rilaxx tagħha riċentement, meta imbagħad ir-rikorrent irrifjutaha
   - il-kumpanija venditriċi ma' offriet l-ebda kumpens jew rimedju u qabdet u ġġirat il-kambjali lill-kumpanija intimata
   - b' kawża separata kontestwalment ippreżentata r-rikorrent qiegħed jitlob li jsiru l-aċċertamenti kollha dovuti dwar il-vettura u fin-nuqqas, jew jekk din ma tinsabx konformi mal-liġi, ir-rexissjoni tal-kuntratt

3. Fir-risposta tagħha għar-rikors promotur l-intimata *inter alia* tgħid illi r-raġunijiet kollha esposti mir-rikorrent ma jikkostitwixxux raġunijiet gravi u validi u għalhekk ma hemm assolutament l-ebda ġustifikazzjoni għas-sospensjoni taJ-esekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni.

---

[3] Fol 5

4. Sussegwentement u qabel ma' beda jiġi ttrattat ir-rikors mertu ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent intavola rikors b'talba sabiex din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża b'mod finali kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur Nru 341/2021) fl-ismijiet "Mihajlo Jerotijevic v. No Deposit Cars Malta Limited et."

5. Dan id-digriet huwa fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' soprasessjoni.

6. L-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha għad illi m'hijiex regolata mill-liġi fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-istess kap, liema artikolu jitkellem dwar smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstema flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis*. Tali konnessjoni bejn żewġ kawżi tista' ssir meta it-tnejn jkunu ġew preżentati quddiem l-istess Qorti, għad li diversement presjeduta. Mill-banda l-oħra mhuwiex dejjem possibbli li s-smiegħ kontestwalment jista' jsir. Is-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smiegħ fl-istess waqt ma' jkunx possibbli li jsir.

7. Billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema sakemm tiġi maqtugħa, is-soprasessjoni trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.

8. Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Carmelo u Pauline konjugi Calamatta v. Mario u Mary Anne sive Miriam konjugi Darmenia et.'</u>** (App Ċiv Nru. 1108/1999/1 PS, 12 ta' Novembru 2003) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet illi:

   *"Hi gurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti ("George Cassar –vs- Francis Xuereb", Appell Civili, 12 ta' Marzu 1973). Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra (fil-kaz prezenti, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) hija tali li ddecizjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti ("Francesco Galea –vs- Pawlu Galea", Appell, Sede Inferjuri, 23 ta' April 1955)...*

   *... Minn dan johrog car illi "s-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix*

*din id-dipendenza jew almenu lpotenzjalita` ta’ din id-dipendenza” – “Joseph Degaetano nomine –vs- Avukat Louis Galea et noe”, Appell Civili, 5 ta’ Ottubru 1981.*

*Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta’ xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni. Ara f’dan is-sens decizjoni fl-ismijiet “Joseph Azzopardi et – vs- Victor Critien pro et nomine”, Prim’Awla, Qorti Civili, 12 ta’ April 1962.*

*Tajjeb pero` li jigi kawtelat illi “s-soprasessjoni minhabba eccezzjoni, sabiex l-eccezzjoni tkun dedotta u kombattuta f’gudizzju separat, huwa **rimedju straordinarju**, li ghalih il-Qorti tirrikorri biss meta hu mehtieg flinteress tal-amministrazzjoni tal-gustizzja x’hin tinqala’ xi kwestjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistghax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba nnatura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tiġi ezaminata u deciza hlief f’kawza ohra separata li tkun trid tigi proposta appozitament” – “Giovanna Cardona –vsCarmelo Pisani”, Appell Civili, 4 ta’ Novembru 1957.”*

9. Intqal ukoll mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **‘Axel Johnson International AB Noe v. Aluminium Extrusions Ltd’** (Ċit Nru. 145/2000/1 GV, 21 ta’ Frar 2001) is-segwenti:

*“Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa talba ghas-soprasessjoni biss: a) meta hu spedjenti li taghmel hekk; b) meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra; c) Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju; d) Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja”*

10. Fil-każ in eżami jirriżulta illi kontestwalment mar-rikors intavolat ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent intavola kawża quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-kumpanija venditriċi No Depost Cars Malta Limited li permezz tagħha talab lil dik il-Qorti *inter alia* li fl-eventwalità li l-vettura tinstab li m’hijiex konformi mal-liġi, jiġi rexiss il-kuntratt.

11. Għal żmien twil il-possessur ta' kambjala kien jeħtieġlu jiftaħ azzjoni diretta ġudizzjarja sabiex jesiġi l-ħlas tagħha. Is-sitwazzjoni inbidlet però fl-2004 bl-introduzzjoni tal-Att IX tal-2004 li qarreb il-posizzjoni taħt il-liġi Maltija għal dik prevalenti fil-liġi Taljana, ċioe bl-elevazzjoni tal-kambjala għal titolu eżekuttiv enforzabbli skond id-disposizzjoni tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. F'dan ir-rigward fid-dibattiti parlamentari (inkluż dawk fl-istadju ta' kumitat) dwar l-Att IX tal-2004 intqal is-segwenti:

*"Fit-tieni miżura li qed nagħmlu qed inħarsu lejn il-kambjala. Oriġinarjament meta l-kambjala daħlet parti mill-kodiċi tal-kummerċ - wieħed irid jgħid li xi 80 sena ilu, meta sar l-ewwel kodiċi tal-kummerċ għal pajjiżna, kien wieħed minn fost l-ewwel kodiċijiet tal-kummerċ li saru fl-Ewropa - il-ħsieb kien li l- qorti tal-kummerċ tkun qorti li tħaffef il-proċeduri. U ladarba l-qorti tal-kummerċ tħaffef il-proċeduri l-kawżi li huma tal-kambjala jistgħu jinqatgħu malajr.*

*Fil-fatt f'dak il-kodiċi tal-kummerċ tant kellhom f'moħħhom li l-kawżi quddiem il-qorti tal-kummerċ jinqatgħu malajr li kienu daħħlu artiklu li jgħid li min irid jikkontesta l-kambjala jista' jagħmilha billi jiddepożita l-flus il-qorti u mbagħad jipproċedi sabiex jikkontesta l-kambjala.*

*Illum is-sitwazzjoni hija li l-kambjala ġiet ma tfisser kważi xejn għax anke jekk għandek kambjala f'idejk trid tagħmel kawża u allura l-fattura tal-bejgħ u l-kambjala ġew qishom fuq l-istess livell. Allura hawnhekk qegħdin ngħidu li jekk xi ħadd iffirma kambjala, skond il-liġi kambjala hija strument finanzjarju effiċjenti, qisha valuta, u allura għandna nipprovaw nagħtuha speed. U allura xi speed qed nagħtuha? Qegħdin ngħidu li jekk tintbagħat ittra uffiċjali - din l-ittra uffiċjali tkun magħmula minn avukat u tiġi ppreżenatata l-qorti, imbagħad tiġi esegwita mill-marixxall jew bil-proċedura solita tal-qorti - din tiġi ppreżentata u l-kambjala fi żmien jumejn issir titolu eżekuttiv.*

*Din m'hijiex xi ħaġa ġdida - ilha teżisti f'numru ta' kodiċijiet għal 20 sena, 25 sena u f'uħud minnhom anke 30 sena - u hija xi ħaġa li tagħmel il-ġid fil-kummerċ...*

*L-iskop tal-kambjala ġie kważi redikolat ... Allura aħna qiegħdin ngħidu li huwa importanti li l-kambjala nerġgħu nagħtuha l-valur u s-sens kummerċjali tagħha u*

*nerġgħu nġibuha fuq il-livell ta' titolu eżekuttiv, jiġifieri tiswa daqs sentenza wara li wieħed jibgħat ittra uffiċjali u dik l-ittra uffiċjali tiġi notifikata l-parti l-oħra..."*[4]

13. L-iskop tal-leġislatur bl-emendi introdotti fl-2004 kien għalhekk b'mod ċar dak illi l-kambjala tiġi mogħtija lura l-ħeffa li tilfet matul is-snin naturalment dejjem bis-salvagwardji neċessarji.

14. L-Art. 253(e) introdott (u sussegwentement emendat b'iżjed salvagwardji) bl-Att IX tal-2004 jipprovdi testwalment kif ġej:

**'253. Huma titoli eżekuttivi:**

**(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:**

**B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

**L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;'**

15. Mela huma tnejn l-eċċezzjonijiet li jista' jagħti persuna li trid topponi l-eżekuzzjoni ta' kambjala: (i) jew li l-firma fuq il-kambjala m'hijiex tiegħu (bħala t-traent ossia d-*drawer* aċċettanti) JEW, li (ii) hemm raġunijiet oħra **gravi u validi**.

---

[4] Seduta Plenarja tal-Għaxar Parlament - 16 ta' Ġunju 2004, P. 859

16. F'din il-proċedura r-rikorrent qed jisħaq *inter alia* illi:

- Il-kambjali huma nulli stante illi ġew iffirmati minn persuna ġuridika ineżistenti
- l-ġirata tal-kambjali hija nulla għar-raġunijiet speċifikati fir-rikors

17. Issa l-ġurisprudenza kostanti hija illi fi proċeduri ta' din ix-xorta

*"l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-subinciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, prima facie, hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jiġu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-qorti f'proceduri bhal dawn, taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali"*[5]

18. Kif ġa ingħad iżjed 'l fuq qabel ma' din il-Qorti setgħet tibda tisma' l-provi (fuq livell *prima facie)* u sottomissjonijiet rilevanti għal din il-kawża, r-rikorrent ippreżenta r-rikors għas-soprasessjoni. Effettivament b'din il-manuvra r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti **<u>tissospendi</u>** l-eżitu ta' din il-proċedura (u allura bil-konsegwenza li l-eżekuzzjoni tal-kambjali tiġi ukoll sospiża) QABEL ma' l-Qorti tiddeċiedi jekk għandiex tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom.

19. Il-Qorti tqis illi ma' jista' jkun **<u>qatt</u>** spedjenti illi kwalunkwe Qorti tissoprasjedi fi proċedura bħal din, liema proċedura hija waħda speċjali ntiża sabiex tkun mgħaġġla u konċiża, Jekk tagħmel hekk il-Qorti tkun qegħda tmur direttament kontra r-rieda tal-leġislatur u kontra l-ispirtu tal-liġi. Jeżistu rimedji oħra disponibbli lir-rikorrenti sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu sakemm il-kawża proposta minnu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiġi deċiża b'mod definittiv.

---

[5] **<u>Mario Muscat v. Lindsay Portelli</u>** (Rik. Nru. 241/2018 RM, deċiża 8.10.2020)

**Deċiżjoni**

20. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad it-talba għas-soprasessjoni u tordna l-prosegwiment immedjat ta’ din il-proċedura.**

**Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |